Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0315

Il-klawżola ta’ salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta’ Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għall-prodotti agrikoli

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-16 ta' Diċembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawżola ta’ salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta’ Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għall-prodotti agrikoli (COM(2025)0639 – C10-0247/2025 – 2025/0322(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 81

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***L-EMPA*** u ***l-ITA għandhom l-għan li jipproteġu lill-produtturi*** tal-Unjoni ***ta’*** komoditajiet sensittivi fis-settur agrikolu ***billi jillimitaw il-preferenzi għall-kwoti*** tariffarji.	(2) ***Il-Ftehim ta’ Sħubija*** u ***l-Ftehim Kummerċjali Interim se jnaqqsu l-protezzjonijiet li jgawdu l-produtturi*** tal-Unjoni ***li jimmanifatturaw*** komoditajiet sensittivi fis-settur agrikolu***. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti klawżoli ta’ salvagwardja bilaterali biex jiġi limitat il-kamp ta’ applikazzjoni tal-kwoti*** tariffarji ***preferenzjali fil-każ ta’ dannu jew theddida ta’ dannu***.

Emenda 1

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0254/2025).

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-monitoraġġ mill-qrib ta' kwalunkwe prodott sensittiv jenħtieġ li jiffaċilita deċiżjonijiet f'waqthom dwar il-bidu possibbli ta' investigazzjonijiet u l-impożizzjoni sussegwenti ta' miżuri ta' salvagwardja. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja ***regolarment*** l-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott sensittiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ITA jew tal-EMPA. Il-monitoraġġ jenħtieġ li jiġi estiż għal prodotti jew setturi oħra jekk l-industrija rilevanti tal-Unjoni tagħmel talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni.	(12) Il-monitoraġġ mill-qrib ta' kwalunkwe prodott sensittiv jenħtieġ li jiffaċilita deċiżjonijiet f'waqthom dwar il-bidu possibbli ta' investigazzjonijiet u l-impożizzjoni sussegwenti ta' miżuri ta' salvagwardja. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja ***kostantement u proattivament*** l-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott sensittiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ITA jew tal-EMPA. Il-monitoraġġ jenħtieġ li jiġi estiż għal prodotti jew setturi oħra jekk l-industrija rilevanti tal-Unjoni tagħmel talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport ta' monitoraġġ kull tliet xhur, li jkun fih il-valutazzjoni tagħha tal-impatt tal-importazzjonijiet ta' prodotti sensittivi li jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq skont il-Ftehim, inkluża data dwar il-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjoni għall-prodotti sensittivi kollha, b'diżaggregazzjoni reġjonali xierqa.***

Emendi 21 u 82

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "dannu serju" tfisser indeboliment ġenerali sinifikanti fil-pożizzjoni tal-industrija tal-	5. "dannu serju" tfisser indeboliment ġenerali sinifikanti fil-pożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni; ***żieda fil-volum ta' aktar***

Unjoni;	***minn 5 % sena wara sena meta mqabbla mal-medja ta' tliet snin tal-importazzjonijiet skont termini preferenzjali ta' prodott partikolari, jew tnaqqis ta' aktar minn 5 % sena wara sena fil-prezz medju tal-importazzjoni ta' prodott partikolari, għandhom jitqiesu bħala evidenza prima facie ta' dannu serju;***

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Indikazzjonijiet ċari ta' deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija, madwar l-Unjoni jew fil-livell tal-Istati Membri, inkluża żieda fil-volum ta' aktar minn 5 % sena wara sena meta mqabbla mal-medja ta' tliet snin tal-importazzjonijiet skont termini preferenzjali ta' prodott partikolari jew tnaqqis sostnut fil-prezzijiet domestiċi, jistgħu jkunu biżżejjed biex juru dannu serju lis-settur u biex jiġġustifikaw salvagwardja.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-introduzzjoni ta' obbligu ta' reċiproċità rigward il-prodotti u l-istandards tal-produzzjoni;

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja ***regolarment*** is-suq tal-Unjoni ta' prodotti sensittivi, b'mod partikolari fir-rigward tax-xejriet tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, tal-produzzjoni u tal-iżviluppi fil-prezzijiet. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tikkoopera u tagħmel skambju ta' data mal-Istati Membri u mal-industrija tal-Unjoni fuq bażi regolari.	1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kostantement u proattivament is-suq tal-Unjoni ta' prodotti sensittivi, b'mod partikolari fir-rigward tax-xejriet tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, tal-produzzjoni u tal-iżviluppi fil-prezzijiet***, bl-appoġġ tal-osservatorji tas-suq tal-Unjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]***. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tikkoopera u tagħmel skambju ta' data mal-Istati Membri***, mal-Parlament Ewropew*** u mal-industrija tal-Unjoni fuq bażi regolari. ***[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).***

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fuq talba debitament

	ġustifikata mill-industrija tal-Unjoni kkonċernata, il-Kummissjoni tista' twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe prodott jew settur għajr dawk imsemmija fl-Anness.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-kooperazzjoni u l-iskambju tad-data għandhom jitwettqu kemm vertikalment, bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif ukoll orizzontalment, bejn l-Istati Membri.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Sal-1 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tagħmel disponibbli għall-Istati Membri linji gwida tekniċi dwar l-indikaturi, il-parametri u t-tipi ta' data li jistgħu jiġu mmonitorjati fis-swieq fil-livell nazzjonali u lokali.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha	3. Il-Kummissjoni għandha

tippreżenta rapport ta’ monitoraġġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull ***sitt*** xhur li jkun fih il-valutazzjoni tagħha tal-impatt tal-importazzjonijiet ta’ prodotti sensittivi li jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq skont il-ftehim. Tali rapporti għandhom ikopru s-suq tal-Unjoni u, jekk rilevanti, ikopru wkoll is-sitwazzjoni fi Stat Membru wieħed jew aktar.	tippreżenta rapport ta’ monitoraġġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull ***tliet*** xhur li jkun fih il-valutazzjoni tagħha tal-impatt tal-importazzjonijiet ta’ prodotti sensittivi li jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq skont il-ftehim. Tali rapporti għandhom ikopru s-suq tal-Unjoni u, jekk rilevanti, ikopru wkoll is-sitwazzjoni ***speċifika*** fi Stat Membru wieħed jew aktar.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tittratta, fin-nuqqas ta’ indikazzjonijiet kuntrarji, żieda fil-volum ta’ aktar minn ***10 % sena wara sena***, bħala regola, tal-importazzjonijiet taħt termini preferenzjali ta’ prodott partikolari minn pajjiż ikkonċernat bħala evidenza prima facie ta’ dannu serju jew it-theddida ta’ dannu serju lill-industrija tal-Unjoni, jekk, fl-istess ħin, il-prezz medju tal-importazzjoni għal dawk l-importazzjonijiet minn pajjiż ikkonċernat ikun mill-inqas ***10 %***, bħala regola, taħt il-prezz domestiku medju rilevanti ta’ prodotti simili jew f’kompetizzjoni diretta matul l-istess perjodu, abbażi tad-data disponibbli.	3. Il-Kummissjoni għandha tittratta, fin-nuqqas ta’ indikazzjonijiet kuntrarji, żieda fil-volum ta’ aktar minn ***5 % imqabbla mal-medja ta’ tliet snin***, bħala regola, tal-importazzjonijiet taħt termini preferenzjali ta’ prodott partikolari minn pajjiż ikkonċernat bħala evidenza prima facie ta’ dannu serju jew it-theddida ta’ dannu serju lill-industrija tal-Unjoni, jekk, fl-istess ħin, il-prezz medju tal-importazzjoni għal dawk l-importazzjonijiet minn pajjiż ikkonċernat ikun mill-inqas ***5 %***, bħala regola, taħt il-prezz domestiku medju rilevanti ta’ prodotti simili jew f’kompetizzjoni diretta matul l-istess perjodu, abbażi tad-data disponibbli.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tittratta, fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet kuntrarji, tnaqqis ta' aktar minn ***10 % sena wara sena***, bħala regola, fil-prezz medju tal-importazzjoni ta' prodott partikolari minn pajjiż ikkonċernat importat fl-Unjoni b'termini preferenzjali bħala evidenza prima facie ta' dannu serju jew it-theddida ta' dannu serju lill-industrija tal-Unjoni, jekk fl-istess ħin il-prezz medju tal-importazzjoni għal dak il-prodott minn pajjiż ikkonċernat ikun mill-inqas ***10 %***, bħala regola, taħt il-prezz domestiku medju rilevanti ta' prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta matul l-istess perjodu, abbażi tad-data disponibbli.	4. Il-Kummissjoni għandha tittratta, fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet kuntrarji, tnaqqis ta' aktar minn ***5 % imqabbla mal-medja ta' tliet snin***, bħala regola, fil-prezz medju tal-importazzjoni ta' prodott partikolari minn pajjiż ikkonċernat importat fl-Unjoni b'termini preferenzjali bħala evidenza prima facie ta' dannu serju jew it-theddida ta' dannu serju lill-industrija tal-Unjoni, jekk fl-istess ħin il-prezz medju tal-importazzjoni għal dak il-prodott minn pajjiż ikkonċernat ikun mill-inqas ***5 %***, bħala regola, taħt il-prezz domestiku medju rilevanti ta' prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta matul l-istess perjodu, abbażi tad-data disponibbli.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni ma għandhiex tkun limitata għas-sollijiet kwantitattivi stabbiliti f'dan l-Artikolu meta tistabbilixxi evidenza prima facie ta' dannu serju. Indikazzjonijiet ċari ta' deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija, madwar l-Unjoni jew fil-livell tal-Istati Membri, inkluż tnaqqis sostnut fil-prezzijiet domestiċi, jistgħu jkunu biżżejjed biex juru dannu lis-settur u jistgħu jiġġustifikaw il-bidu ta' investigazzjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn possibbli, l-investigazzjoni għandha tiġi konkluża fi żmien ***sitt*** xhur mid-data li fiha jkun ġie ippubblikat in-notifika tal-bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż b'perjodu ulterjuri ta' tliet xhur f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni**,** bħall-involviment ta' għadd ogħla mis-soltu ta' partijiet interessati jew sitwazzjonijiet kumplessi tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-partijiet interessati kollha dwar kwalunkwe tali estensjoni u tispjega r-raġunijiet għal dan. Fejn investigazzjoni tikkonċerna prodotti sensittivi, il-Kummissjoni għandha tikkonkludiha kemm jista' jkun malajr, bl-għan li tieħu deċiżjoni finali fi żmien ***erba' xhur*** mid-data li fiha tiġi ppubblikata n-notifika tal-bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.	3. Fejn possibbli, l-investigazzjoni għandha tiġi konkluża fi żmien ***tliet*** xhur mid-data li fiha jkun ġie ippubblikat in-notifika tal-bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż b'perjodu ulterjuri ta' tliet xhur f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni bħall-involviment ta' għadd ogħla mis-soltu ta' partijiet interessati jew sitwazzjonijiet kumplessi tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-partijiet interessati kollha dwar kwalunkwe tali estensjoni u tispjega r-raġunijiet għal dan. Fejn investigazzjoni tikkonċerna prodotti sensittivi, il-Kummissjoni għandha tikkonkludiha kemm jista' jkun malajr, bl-għan li tieħu deċiżjoni finali fi żmien ***xahrejn*** mid-data li fiha tiġi ppubblikata n-notifika tal-bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-fatturi rilevanti kollha ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li jaffettwaw is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem mis-suq	5. Il-Kummissjoni għandha tevalwa ***l-indikaturi ekonomiċi u*** l-fatturi rilevanti kollha ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li jaffettwaw is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem mis-

domestiku meħud mill-importazzjonijiet miżjuda, u bidliet rigward l-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-livell tal-bejgħ, tal-produzzjoni, tal-produttività, tal-użu tal-kapaċità, tal-qligħ u tat-telf, u tal-impjieg. Din il-lista mhijiex eżawrjenti, u l-Kummissjoni tista' tqis fatturi oħra rilevanti meta tkun qed tiddetermina l-eżistenza ta' dannu serju jew theddida ta' dannu serju, bħall-ħażniet, ***il-prezzijiet,*** ir-redditu tal-kapital użat, il-fluss ta' flus, il-livell tal-ishma mis-suq, u fatturi oħra li qed jikkawżaw jew li setgħu kkawżaw dannu serju, jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni.	suq domestiku meħud mill-importazzjonijiet miżjuda, u bidliet rigward l-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-livell tal-bejgħ, ***inklużi l-prezzijiet,*** tal-produzzjoni, tal-produttività, tal-użu tal-kapaċità, tal-qligħ u tat-telf, u tal-impjieg. Din il-lista mhijiex eżawrjenti, u l-Kummissjoni tista' tqis fatturi oħra rilevanti meta tkun qed tiddetermina l-eżistenza ta' dannu serju jew theddida ta' dannu serju, bħall-ħażniet, ir-redditu tal-kapital użat, il-fluss ta' flus, il-livell tal-ishma mis-suq, u fatturi oħra li qed jikkawżaw jew li setgħu kkawżaw dannu serju, jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni.

Emendi 34 u 86

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b a (new) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Indikazzjonijiet ċari ta' deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija, madwar l-Unjoni jew fil-livell tal-Istati Membri, inkluża żieda fil-volum ta' aktar minn 5 % sena wara sena meta mqabbla mal-medja ta' tliet snin tal-importazzjonijiet skont termini preferenzjali ta' prodott partikolari jew tnaqqis sostnut fil-prezzijiet domestiċi, jistgħu jkunu biżżejjed biex juru dannu serju lis-settur u biex jiġġustifikaw salvagwardja.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każ ta’ prodotti sensittivi, għandhom jiġu adottati miżuri ta’ salvagwardja proviżorji f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(4) mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien massimu ta’ ***21*** jum mill-bidu tal-investigazzjoni biex tiġi evitata dannu lill-industrija tal-Unjoni li tkun diffiċli li tissewwa, inkluż fejn tali dannu jista’ jkun ġeografikament ikkonċentrata fi Stat Membru wieħed jew aktar.	3. Fil-każ ta’ prodotti sensittivi, għandhom jiġu adottati miżuri ta’ salvagwardja proviżorji f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(4) mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien massimu ta’ ***14-il*** jum mill-bidu tal-investigazzjoni biex tiġi evitata dannu lill-industrija tal-Unjoni li tkun diffiċli li tissewwa, inkluż fejn tali dannu jista’ jkun ġeografikament ikkonċentrata fi Stat Membru wieħed jew aktar.

Emendi 36 u 87

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta investigazzjoni twassal għall-konklużjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) ikunu sodisfatti, il-Kummissjoni ***tista’*** tadotta miżuri ta’ salvagwardja definittivi f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 18(3).	1. Meta investigazzjoni twassal għall-konklużjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) ikunu sodisfatti, il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta miżuri ta’ salvagwardja definittivi f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 18(3).

Emendi 64 u 88

Proposta għal regolament
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Klawżola dwar l-Ambjent, is-Saħħa u l-SPS
	1. Il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni u tadotta

miżuri ta' salvagwardja skont dan ir-Regolament fejn ikun hemm evidenza kredibbli li l-importazzjonijiet li jibbenefikaw minn preferenzi tariffarji ma jissodisfawx rekwiżiti ekwivalenti ambjentali, tal-benesseri tal-annimali, tas-saħħa, tas-sikurezza tal-ikel, jew tal-protezzjoni tal-ħaddiema applikabbli għall-produtturi tal-Unjoni.

2. Fil-każ ta' riskju dokumentat għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, inklużi l-użu ta' metodi ta' produzzjoni pprojbiti fl-Unjoni jew in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji, il-Kummissjoni tista' tissospendi minnufih l-importazzjonijiet tal-prodott li jibbenefika minn preferenzi tariffarji, f'konformità mal-Artikolu 9(3). Il-miżuri adottati skont dan l-Artikolu għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u għandhom ikunu soġġetti għal rieżami f'konformità mal-Artikolu 12.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	Miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni
	1. Jekk il-Kummissjoni tidentifika ċirkomvenzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja permezz ta' bidliet fir-rotot kummerċjali, inklużi

	importazzjonijiet minn partijiet eżentati mill-miżuri ta' salvagwardja, tista' testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja għal dawk l-importazzjonijiet jew tadotta miżuri ta' implimentazzjoni oħra meħtieġa.
	2. Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni doganali mal-Istati Membri fil-verifika tar-regoli tal-oriġini u fl-iżgurar tat-traċċabbiltà sħiħa tal-importazzjonijiet ta' prodotti sensittivi.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Anness – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Bajd	14. Bajd ***tal-klassi A u B***

Emenda 16

Proposta għal regolament
Anness – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Albumini tal-bajd	15. ***Prodotti tal-bajd – trab tal-bajd sħiħ, trab tal-isfar tal-bajd,*** albumini tal-bajd ***(standard, high whip, high gel)***

Emenda 17

Proposta għal regolament
Anness – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	23a. Ċitru: lariġ, lumi u mandolin